**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2006**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA** **MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ)** **ĦIN: 20 MINUTA**

## Karta ta' l-Għalliem/a

## Gwida għat-tmexxija ta' l-eżami tal-Fehim mis-Smigħ

**Riżorsi:**
1. Test li jinqara
2. Karta tal-mistoqsijiet
3. Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | • il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel<br>• ser tinqaralhom l-istorja ***Jack***<br>• għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari | **(3 minuti)** |
| **2.** | • jaqilbu l-karta bil-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq<br>• l-għalliem/a j/taqralhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn | **(3 minuti)** |
| **3.** | • jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tat-test<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari | **(3 minuti)** |
| **4.** | • għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq<br>• Għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba<br>• jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija | **(5 minuti)** |
| **5.** | • ser jinqaralhom it-test għat-tielet darba<br>• jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari | **(3 minuti)** |
| **6.** | • jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba | **(3 minuti)** |

**IR-RABA' SENA MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ) Karta ta' l-Għalliem/a**

## Jack

***L-ewwel parti***

1. Jack kien għadu ġeru u kull ma kien jara kien iqajjem fih kurżità kbira. Għalih kollox kien avventura u għalkemm sidu kien jgħallmu, ma tantx kien jagħti kas u dejjem kien isib ruħu fl-inkwiet. Mhux hekk biss, talli kien qisu jieħu gost jikser ir-regoli.

2. Ta' tmien xhur ġa kellu d-dehra ta' wieħed kbir u kien iħobb jiġri kemm jiflaħ fil-beraħ. Kien iħossu jtir għax riġlejh bilkemm kienu jmissu l-art. F'dak il-ħin kien iħossu s-sid tal-ħolqien. Kien intelliġenti ħafna u kien jitgħallem malajr.

3. Darba waħda, wara nofsinhar, kien hemm ħafna nies jippassiġġaw u tfal jilagħbu fil-ġnien pubbliku li kien hemm fil-qrib. Jack kien qed jiġri minn naħa għall-oħra meta, minn quddiemu, b'ħeffa kbira, għadda ballun aħmar li baqa' jdur u jitgerbeb.

***It-tieni parti***

4. Jack ma felaħx iżjed u b'qabża kbira mar biex jaqbad il-ballun li kien wasal f'nofs it-triq. Bla ma jaf kif Jack ħassu jtir f'vojt kbir u mingħajr ebda ħoss intilef minn sensih.

5. Kollox waqaf u ħemda kbira waqgħet fuq l-imsejken Jack. Kienet tajritu karozza għax is-sewwieq lanqas kien rah meta ħariġlu fin-nofs b'dik il-ġirja.

6. Sidu ġie jiġri b'nifsu maqtugħ, refgħu mill-art u b'qalbu ttaqtaq ħadu għand ħabibu l-veterinarju. Jack kien gravi imma għax kien b'saħħtu, malajr fieq. Kellu jibqa' marbut għal xi żmien għax kellu xi għadam miksur.

7. Jack ma kienx jieħu gost, imma kellu joqgħod. Tgħallem li kellu jobdi mill-ewwel meta sidu kien jagħtih xi kmand.

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

***L-ewwel parti***

1. Jack kien — kelb. / tifel. / għasfur. / raġel.

| | |
|---|---|
| 1. Jack kien | kelb.<br>tifel.<br>għasfur.<br>raġel. |
| 2. Jack kellu biss | xahar.<br>xahrejn.<br>tmien xhur.<br>ħames xhur. |
| 3. Huwa kien | feroċi.<br>intelliġenti.<br>baħnan.<br>kwiet. |
| 4. Jack ma kienx | jifhem.<br>jobdi.<br>jiġri.<br>jilgħab. |
| 5. It-tfal kienu qed jilagħbu | fl-għalqa.<br>fil-bitħa tal-mużew.<br>fil-bitħa ta' l-iskola.<br>fil-ġnien pubbliku. |
| 6. Għaddej minn quddiemu ra | karozza sewda.<br>ballun isfar.<br>ballun aħmar.<br>qattus abjad. |

***It-tieni parti***

7. Jack mar biex jaqbad il-ballun li kien
   - fuq il-karozza.
   - f'nofs it-triq.
   - fuq il-bankina.
   - wara l-bieb.

8. Jack ġie mtajjar minn
   - karozza.
   - mutur.
   - ballun.
   - riħ qawwi.

9. Sidu ħass qalbu ttaqtaq għax kien
   - inkwetat.
   - ferħan.
   - marid.
   - mistħi.

10. Intilef minn sensih tfisser li
   - ma sabx it-triq.
   - tilef xi ħaġa.
   - ħassu ħażin.
   - ma baqax ħaj.

11. Ħemda tfisser
   - storbju kbir.
   - ġebla żgħira.
   - skiet kbir.
   - mużika sabiħa.

12. Veterinarju hu
   - dentist.
   - tabib.
   - infermier.
   - tabib ta' l-annimali.

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2006**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IR-RABA' SENA | MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ) | ĦIN: 20 MINUTA |
|---|---|---|

**Karta ta' l-istudent/a**

**Isem u Kunjom** ______________________________

**Klassi** ______________________________

Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.
Oqgħod attent/a l-ħin kollu.
Ara li tkun weġibt sewwa.

| | | |
|---|---|---|
| Marki: | 1 – 9 | (marka kull waħda) |
| | 10 – 12 | (2 marki kull waħda) |

Total: 15-il marka

## Jack

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

***L-ewwel parti***

1. Jack kien — kelb. / tifel. / għasfur. / raġel.

| | |
|---|---|
| 1. Jack kien | kelb.<br>tifel.<br>għasfur.<br>raġel. |
| 2. Jack kellu biss | xahar.<br>xahrejn.<br>tmien xhur.<br>ħames xhur. |
| 3. Huwa kien | feroċi.<br>intelliġenti.<br>baħnan.<br>kwiet. |
| 4. Jack ma kienx | jifhem.<br>jobdi.<br>jiġri.<br>jilgħab. |
| 5. It-tfal kienu qed jilagħbu | fl-għalqa.<br>fil-bitħa tal-mużew.<br>fil-bitħa ta' l-iskola.<br>fil-ġnien pubbliku. |
| 6. Għaddej minn quddiemu ra | karozza sewda.<br>ballun isfar.<br>ballun aħmar.<br>qattus abjad. |

***It-tieni parti***

7. Jack mar biex jaqbad il-ballun li kien
   - fuq il-karozza.
   - f'nofs it-triq.
   - fuq il-bankina.
   - wara l-bieb.

8. Jack ġie mtajjar minn
   - karozza.
   - mutur.
   - ballun.
   - riħ qawwi.

9. Sidu ħass qalbu ttaqtaq għax kien
   - inkwetat.
   - ferħan.
   - marid.
   - mistħi.

10. Intilef minn sensih tfisser li
    - ma sabx it-triq.
    - tilef xi ħaġa.
    - ħassu ħażin.
    - ma baqax ħaj.

11. Ħemda tfisser
    - storbju kbir.
    - ġebla żgħira.
    - skiet kbir.
    - mużika sabiħa.

12. Veterinarju hu
    - dentist.
    - tabib.
    - infermier.
    - tabib ta' l-annimali.

# EŻAMIJIET ANNWALI TA’ L-ISKOLA PRIMARJA 2006

Taqsima ta’ l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta’ l-Edukazzjoni

**IR-RABA’ SENA** **MALTI (KITBA)** **ĦIN: Siegħa u kwart**

Isem ________________________________

Klassi ________________________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-isem tal-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn; imbagħad erġa’ ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa’ ikteb.
- Meta tlesti, erġa’ ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista’ jkollok u timla dak li ħallejt barra.



*Aqra sewwa l-istorja t'hawn taħt.*

*Wara wieġeb il-mistoqsijiet.*

*In-numri fit-tarf tal-paragrafi jgħinuk issib it-tweġibiet.*

## Vaganzi fil-Kampanja



Mario u oħtu Kelly kienu jħobbu ħafna lin-nanniet Ġużi u Kelina. Dawn kellhom dar kbira u sabiħa fil-kampanja. *(paragrafu 1)*

Meta kienu jistgħu, it-tfal kienu jmorru jżuruhom flimkien mal-ġenituri tagħhom. Sakemm jaslu bil-karozza kienu jieħdu gost iħarsu mit-tieqa lejn l-għelieqi miżrugħa u l-ħitan tas-sejjieħ. Mhux darba jew tnejn kienu jinżlu jitkellmu ma' xi bidwi li kien ikun fl-għalqa. *(paragrafu 2)*



Kien żmien il-vaganzi u n-nannu Ġużi ċempel lil ibnu Frans biex jieħu t-tfal fil-kampanja għal xi jiem. Kemm ferħu b'din l-istedina! Ħejjew kull ma kellhom jieħdu magħhom u poġġew kollox ġo basket kbir. Kellhom ukoll basket li kien jiddendel wara daharhom. X'ħin lestew kollox marru jorqdu, imma ma setgħux jagħlqu għajn m'għajn. *(paragrafu 3)*

Kmieni filgħodu kienu isfel jistennew lil missierhom. Kellhom seba' mitt sena biex jaslu ħalli jmorru r-razzett man-nannu biex jaraw l-annimali. *(paragrafu 4)*

Fil-jiem li qattgħu fil-kampanja tgħallmu fuq l-għasafar, l-insetti u l-annimali li jgħinu lill-bniedem fix-xogħol ta' l-għelieqi. Raw ukoll il-fenek selvaġġ u darba, bil-lejl, lemħu qanfud. (p*aragrafu 5*)

Wara d-dar tan-nanniet kien hemm għadira u fil-ħaxix ta' madwar kienu spiss jaraw xi żrinġ jaqbeż u jogħla. Kienu jqumu ma' sbiħ il-jum, kif jibda jidden is-serduk. Filgħaxija kienu jħobbu joqogħdu fil-bitħa jisimgħu lin-nannu jgħidilhom stejjer fuq meta kien żgħir hu. *(paragrafu 6)*

Iddispjaċihom meta wasal il-jum li jiġi għalihom missierhom ħalli jmorru lura d-dar. X'ħin sellmu lin-nanniet kellhom id-dmugħ f'għajnejhom u wiegħdu lin-nanniet li ma jdumux ma jerġgħu jmorru. *(paragrafu 7)*

**A. Agħmel sing taħt il-kelma t-tajba:**

1. a. Kelly kienet oħt ( Marco, Mario, Ġużi, Frans ).
   b. In-nanniet kellhom id-dar ( f'belt, f'raħal, fil-kampanja, ħdejn il-baħar ).
   ċ. Mario u Kelly kienu ( kuġini, nanniet, ġenituri, aħwa ).
   d. It-tfal marru għand in-nanniet b' ( karozza, karrettun, xarabank, taxi ).

(2)

**Issa wieġeb il-mistoqsijiet b'sentenzi sħaħ:**



2. Ikteb ħaġa waħda milli kienu jaraw fit-triq waqt li jkunu sejrin għand in-nanniet. *(paragrafu 2)*

   ______________________________________________ (1)

3. Fejn kien ikun il-bidwi? *(paragrafu 2)*

   ______________________________________________ (1)

4. Għaliex ċempel in-nannu Ġużi? *(paragrafu 3)*

   ______________________________________________ (1)

5. Semmi żewġ annimali li t-tfal tgħallmu fuqhom. *(paragrafu 5)*

   ______________________________________________ (1)



6. Fejn raw iż-żrinġijiet? *(paragrafu 6)*

_______________________________________________ (1)

7. Għaliex taħseb li ddispjaċihom meta kienu sejrin lura lejn id-dar? *(paragrafu 7)*

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

8. X'qalu li se jagħmlu t-tfal qabel telqu? *(paragrafu 7)*

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

9. **Mill-istorja sib il-kelma li tfisser**

invit ____________ (*par. 3*) bhejjem ____________ *(par. 4)* (2)

10. Xi jfissru dawn l-**idjomi**?

Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba:

i. **ma setgħux jagħlqu għajn m'għajn** *(paragrafu 3)*

- ma kellhomx sodda
- għajnejhom kienu mwaħħlin
- ma setgħux jorqdu (1)

ii. **kellhom seba' mitt sena** *(paragrafu 4)*

- kienu se jagħlqu seba' mija
- ma kellhomx paċenzja jistennew
- kienu xjuħ ħafna (1)

**(15-il marka)**

**B. Ikteb in-nom fil-vojt.**

Eżempju: Ir-ragħaj kellu **merħla** nagħaġ.



1. Kelly rat ____________ nemel tiela' mal-ħajt.
2. Il-fenka tan-nanna kellha ____________ żrameġ.
3. Fuq is-siġra kien hemm ____________ għasafar.
4. Marru l-għalqa fejn raw il-qtates jaqbżu fuq ____________ tiben.
5. Ġo zokk ta' siġra kien hemm ____________ naħal.

**(5 marki)**

**Ċ. Ħares lejn l-għerq fil-parentesi.**
**Minnu oħroġ verb fil-passat u iktbu fil-vojt.**

Eżempju: In-nanna **ħarġet** (ħ - r - ġ) fil-bitħa.



1. In-nannu ____________ (f - r - ħ) bit-tfal.
2. Fil-vaganzi t-tfal ____________ (r - k - b) fuq żiemel.
3. Il-bdiewa ____________ (ħ - d - m) fl-għelieqi.
4. Mario u Kelly ____________ (n - ż - l) kmieni.
5. Filgħaxija kienu għajjenin u __________ (r - q - d) mill-ewwel.

**(5 marki)**

**D. In-nannu Ġużi kellu dawn l-annimali. Imla l-vojt bil-femminil.**

Eżempju: kelb u **kelba**

żiemel u __________

muntun u __________



bodbod u __________

serduk u __________

fenek u __________

**(5 marki)**

**E. Ikteb il-plural tal-kliem b'sing taħthom:**

Eżempju: It-tfal raw l-**għasfur**. **għasafar**



1. Fl-għelieqi kien hemm il-bidwi. ____________
2. Fil-ħajt tas-sejjieħ kien hemm xi bebbux. ____________
3. Ħdejn l-għadira raw xi żring ukoll. ____________
4. Ġabru l-fjura mill-art. ____________
5. Sellmu lin-nanna. ____________

**(5 marki)**

**F. Daħħal l-artiklu meħtieġ:**



Sar **il-**ħin u **t-**tfal ħarġu barra biex jaraw ___nannu. Quddiemu kien hemm ___kelb miexi bil-mod ħalli ___nagħaġ ma jmorrux fit-triq. Toni, ___ħabib tan-nannu daħal ġewwa ___għalqa u għalaq ___xatba. ___nannu u ___tfal baqgħu sejrin ġol-wied ifittxu ___fjuri selvaġġi u ___għasafar li kienu qed ikantaw. **(5 marki)**

**Ġ. Fil-vojt agħmel dak li hemm miktub fil-parentesi:**

Eżempju: Fl-(plural ta' **għalqa**) għelieqi kien hemm il-bdiewa jaħdmu.

1. L-għelieqi kienu *(plural ta' **sabiħ**)* ____________ ħafna.
2. Il-bdiewa kienu qed *(verb mill-għerq **ħ - r - t**)* ____________ l-ħamrija.
3. Wieħed minnhom kien ipoġġi *(ikteb **l-artiklu**)* ____ patata ġo ____ ixkejjer.
4. It-tfal *(negattiv ta' **daħlu**)* _______________ ħdejhom, imma baqgħu ħdejn il-ħajt.
5. Dak il-ħin għadda ragħaj b'merħla nagħaġ *(ikteb **aġġettiv**)* _________ warajh.
6. It-tfal bdew imissu l-*(plural ta' **ħaruf**)* ____________.

**(7 marki)**

**G. Imla l-vojt b'kelma li toqgħod:**



Filgħodu t-tfal _______________ kmieni biex imorru _____________ l-annimali. Daħlu fl-istalla fejn in-nannu kellu l- _______________ li kien qed jaħleb. Wara marru jagħtu t-tiben liż-żiemel. Flimkien miegħu ġo l-____________ n-nannu kellu _____________. Raw lin-nanna dieħla ġol-gallinar u marru magħha biex jiġbru l-_______________ sħun minn taħt it-tiġieġ li bdew iqaqu. Poġġewhom ġo _______________ u daħlu ġewwa bihom biex flimkien _______________ xi ħaġa.

**(8 marki)**

**GĦ. Daħħal aġġettiv li joqgħod ma' dawn in-nomi. Tużax l-istess kelma darbtejn.**

Eżempju: kelb **<u>sufi</u>**

siġra _____________

bajd _____________

bitħa _____________

razzett _____________

għelieqi _____________



**(5 marki)**

**H. Imla l-vojt bl-Imperattiv (kmand). Uża l-kliem ta' ġol-kaxxa.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Tixxabbatx** | **Agħlaq** | **Iftaħ** | **Oħroġ** | **Mur** |



1. _____________ it-tieqa ħalli tidħol ftit arja friska.
2. _____________ għax taqa' għal isfel.
3. _____________ il-kelb u ħudu fl-għalqa.
4. _____________ ix-xatba sew għax iż-żiemel joħroġ fit-triq.
5. _____________ fil-gallinar u iġbor il-bajd. **(5 marki)**

**Ħ. Ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn GĦAXAR SENTENZI dwar WIEĦED minn dawn:**



1. Ziju jew zija li nħobb ħafna.
2. Ħarġa fil-kampanja.
3. Kieku kont fjura. (Ikteb fuq il-ħajja tiegħek, x'tara u x'jista' jiġrilek.)
4. Kont waħdek id-dar u ħabbat il-bieb. Għid x'ġara wara.
5. Uża l-istampi t'hawn taħt biex tikteb storja.

**(20 marka)**



*Tmiem il-Karta*